***Worksheet* S6.1.3**
Nidentifikaw it-tempji preistoriċi prinċipali fil-Gżejjer Maltin u nistħarrġu xi twemmin seta' kellhom il-Maltin ta' dak iż-żmien. Naraw kif nistgħu nibżgħu għat-tempji u għaliex.

**Kevin u Sandra jistħarrġu ŻMIEN L-IMQADES** *(Kitba ta' Leonard Grech)*

**Aqra u wieġeb.**

Kevin: Sandra, tiftakar meta morna l-Ġgantija?

Sandra: Iva Kevin, kemm konna ħadna pjaċir naraw dak il-ġebel kbir.

Kevin: Jien kultant taf x'ngħid? Kemm kienu b'saħħithom dawk in-nies!

Sandra: X'aktarx il-ġebel il-kbir kienu jirrumblawh fuq boċċi kbar tal-ġebel. F'kull tempju nstabu ħafna minnhom. Li hu żgur hu li kienu bravi ħafna biex irnexxielhom jibnu tempji bħal tal-Ġgantija, Ħaġar Qim, l-Imnajdra u Ħal Tarxien.

Kevin: U ħaġ' oħra li trid tiftakar, Sandra; ma kellhomx il-makkinarju u l-għodda tal-lum.

Sandra: Sewwa qed tgħid. In-nies li bnew it-tempji nsejħulhom nies ta' Żmien ir-Ram. Ir-ram huwa metall artab u mhux addattat biex tagħmel l-għodda minnu.

Kevin: Dan ifisser Sandra, li n-nies ta' Żmien ir-Ram jew Żmien l-Imqades, komplew jagħmlu użu mill-għodda tal-ġebel li kellhom qabel.

Sandra: Hekk hu, Kevin. L-għodda tagħhom kienet bħal ta' Żmien in-Neolitiku. Kienu jagħmlu użu miż-żnied, għadam u affarijiet oħra. Imma ma kellhomx għodda tal-metall.

Kevin: Taf x'kellhom favur tagħhom, Sandra? Setgħu jagħmlu użu mill-ġebla tal-franka u din mhix iebsa biex taħdimha.

Sandra: Sewwa qed tgħid, Kevin. Imma trid tiftakar ukoll li l-franka għandha d-difetti tagħha. Din titmermer malajr, speċjalment jekk tkun ħdejn il-baħar. Minbarra l-franka, għamlu użu wkoll mill-ġebel tal-qawwi.

Kevin: Sandra, tridx inħajru lill-kuġin ħalli mmorru kollha flimkien inżuru xi wieħed mill-imqades?

Sandra: Kieku sewwa. Żgur li nieħdu pjaċir ħafna.

1. L-imqades insejħulhom MEGALITIĊI. Megalitiċi tfisser:

_______________________________________________



2. Fl-istampa jidhru l-imqades tal-Ġgantija. Fejn jinsabu?

_______________________________________________

3. Kemm-il maqdes hemm? __________

4. Fil-maqdes iż-żgħir jidhru tliet niċeċ. Għal xiex taħseb li kienu jintużaw?

_______________________________________________

5. **Innota** li l-imqades għandhom il-ħitan ta' ġewwa u ħajt ieħor li jdur magħhom dawramejt minn barra. L-ispazju bejn il-ħitan ta' ġewwa u l-ħajt ta' barra huwa mimli bil-ħamrija u t-terrapien (mazkan). F'xi partijiet tal-imqades, l-art tidher li kienet miksija biċ-ċangatura.

*Mudell ta' tempju megalitiku li nstab mill-arkeoloġi; jurina x'aktarx it-tempji kienu msaqqfin.*



Kevin: Jgħidu li l-imqades kienu msaqqfin, Sandra.

Sandra: Hekk jgħidu. Fil-Mużew tal-Arkeoloġija l-Belt Valletta hemm mudell ċkejken ħafna ta' maqdes imsaqqaf.

Kevin: Jien ngħid li kienu bennejja mill-aqwa.

Sandra: Jien naqbel miegħek; żgur li kienu kapaċi ħafna fil-bini.

Kevin: Interessanti li wieħed jistaqsi għalfejn bnew dawn l-imqades?

Sandra: U lil min bnewhom, Kevin?

Kevin: Isemmu li dawn kienu postijiet sagri. Għalhekk insejħulhom tempji jew imqades.

Sandra: Fihom żgur li kienu jaduraw lil xi ħadd, Kevin - xi Mara Ħoxna jew alla tal-fertilità.

Kevin: U kienu wkoll joffru sagrifiċċji lil alla tagħhom.

Sandra: Il-gwida kien qalilna li kienu joffru annimali bħal ngħaġ u mogħoż. Forsi kienu joffru xi annimali oħra wkoll.

Kevin: Jista' jkun, Sandra. Imma nies ma kinux joffru.

6. Kif nistgħu naslu għall-konklużjoni li ma kinux joffru nies bħala sagrifiċċju?

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________

___________________________



7. **Ftakar:**

- F'Ħaġar Qim instab l-ikbar numru ta' statwi tal-Mara l-Ħoxna. Instab ukoll artal b'xitla mnaqqxa fuqu (xhieda li kienu jaħdmu r-raba'). Illum dawn il-fdalijiet kollha qegħdin fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta.
- F'Ħal Tarxien instabet l-ikbar statwa tal-Mara l-Ħoxna flimkien ma' ħaġriet megalitiċi b'annimali differenti minquxa fuqhom (xhieda li kienu jrabbu l-annimali). Dawn il-fdalijiet preistoriċi jinsabu fil-Mużew tal-Arkeoloġija wkoll però fit-tempji ta' Ħal Tarxien hemm replika tagħhom.

Sandra: Jien ma nafx kif taħsibha int, Kevin; imma ngħid għalija tassew għandna nħossuna kburin li f'pajjiżna għandna daqstant tempji megalitiċi li huma uniċi għad-dinja kollha!

Kevin: Jien naqbel miegħek, Sandra. Mhux ta' b'xejn li huma meqjusa bħala WIRT STORIKU DINJI!

Sandra: Però dan jitfa' fuqna responsabbiltà kbira. Irridu nieħdu ħsiebhom sabiex jibqgħu jitgawdew mill-Maltin u mit-turisti. It-tempji jeħtieġ li jkunu mħarsa mix-xemx, mir-riħ u mix-xita għax dawn l-elementi jagħmlu ħsara kbira lill-ġebel.

Kevin: Mela għalhekk ħafna mill-fdalijiet preistoriċi li nstabu fit-tempji ttieħdu fil-Mużew tal-Arkeologija.

Sandra: U għall-istess raġuni saru t-tined fuq it-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

8. F'liema tempju nstabet l-ikbar statwa tal-Mara l-Ħoxna? ______________________________

9. F'liema tempju nstab artal b'xitla mnaqqxa fuqu? ______________________________

10. Isem ieħor għall-Mara l-Ħoxna hu: ______________________________

11. Għaliex it-tempji Megalitiċi li għandna fil-ġżejjer tagħna huma meqjusa bħala Wirt Storiku Dinji?

______________________________________________________________________

12. Għaliex taħseb li t-tempji saritilhom ħafna ħsara kemm ilhom li ġew mikxufa mill-arkeoloġi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________